**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 t'April 2023**

Rikors Numru: 63/23 AL

AB

vs

C B u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2023 kunjom l-intimata gie korrett ghall "D"

(M.R. Numru 82/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li pemezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet zzewgu fil-Knisja Parrokjali ta' Senta Venera fit-3 ta' Frar 1993, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.
2. Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Carmel Gafa tat-28 ta' Awwissu 2019 li kopja tieghu qegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' l-esponenti hawn anness u mmarkat Dok C.

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut skond l-istess kuntratt u t-tfal li kellhom il-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni u m'ghadhomx jistudjaw.

5. Ili dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il- Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Frar 2023;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 t'Awwissu 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.